MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1338/2000/1

**Mario Azzopardi**

**vs**

**Silvio Gruppetta u C & D Autoparts Ltd u b'permezz ta' digriet datat 16 ta' Novembru 2000 is-socjeta' konvenuta giet korretta "C&B Autoparts Limited".**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-**

**konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta’ hames mija wiehed u sittin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (LM561.27,0) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur kawza ta’ kollizjoni awtomobilistika li sehhet fl-20 t’Ottubru 1997 meta l-attur fuq inkarigu tal-konvenut Gruppetta saq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAB 935, liema vettura kienet mikrija lill-konvenut Gruppetta minghand C & B Autoparts Limited, liema vettura ma kienitx koperta b’polza ta’ assigurazzjoni;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Settembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Silvio Gruppetta datata t-13 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. It-talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-eccipjent ma kkaguna ebda danni lill-attur konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku li ghalih qed jirreferi, liema incident gara unikament tort tal-attur innifsu, waqt li kien qed isuq vettura li la kienet tappartjeni lill-eccipjent u lanqas kienet mikrja lilu;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Rat in-nota ta’ l-attur datata l-5 ta’ Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha ceda l-talbiet tieghu fil-konfront tal-konvenut Silvio Gruppetta sabiex jirregola ruhu ahjar;**

**Illi ghalhekk tiddikjara lil Silvio Gruppetta liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta datata l-5 ta’ Lulju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Preliminarjament, illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 1253 tal-Kodici Civili;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-attur hija insostenibbli stante illi l-attur ma giex surrogat fid-drittijiet ta’ min seta’ kellu l-jedd li jitlob kumpens ghal danni lilu kawzati;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur izda kienet semplicement silfet vettura taghha lill-konvenut Silvio Gruppetta ghal ragunijiet personali, u ma awtorizzatx lill-istess Silvio Gruppetta jislef l-imsemmija vettura lil terzi;**

**4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti ma hix responsabbli ghall-incident de quo, li izda sehh minhabba imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-attur innifsu. Fil-fatt ghandu jirrizulta li ebda ufficjal jew impjegat tas-socjeta’ eccipjenti ma kien prezenti fil-mument ta’ l-incident u inoltre illi l-attur stess ammetta illi l-incident sehh unikament tort tieghu (ara xhieda tal-attur fis-seduta tas-27 ta’ Marzu 2001 fil-kawza odjerna);**

**5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa kontestat;**

**6. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament din il-qorti qed tezamina l-ewwel eccezzjoni preliminari, dik rigwardanti l-preskrizzjoni, sollevata mis-socjeta' konvenuta;**

**Illi l-eccezzjoni preliminari hekk sollevata mis-socjeta' konvenuta hi dik rigwardanti l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat;**

**Illi l-artikolu in materja hu l-2153 tal-Kap 16 u jghid testwalment hekk:**

**"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minn analizi tal-fatti jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku meritu ta' din il-procedura sehh fl-20 t'Ottubru ta' l-1997;**

**2. Illi l-ittra ufficcjali pprezentata f'isem l-attur odjern rigwardanti l-incident in dizamina tirrizulta li giet ipprezentata fl-4 t'Ottubru ta' l-1999;**

**3. Illi l-imsemmija ittra ufficcjali ma jirrizultax li inharget fil-konfront tas-socjeta' konvenuta;**

**4. Illi l-ewwel darba li s-socjeta' konvenuta giet ufficcjalment u gudizzjarjament a konoxxenza tal-vertenza odjerna kien fis-16 ta' Novembru tas-sena 2000 kif jidher mill-istess digriet hemm riprodott a fol 7 tal-process;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi limitatament ghall-eccezzjoni su riferita hu abbundantement fattwalment assodat li mid-data ta' l-incident de quo, senjatament l-20 t'Ottubru ta' l-1997 sad-data tal-konjizzjoni gudizzjara tas-socjeta' konvenuta, senjatament is-16 ta' Novembru tas-sena 2000, ghadda perjodu ferm aktar minn dak stipulat mill-artikolu 2153 tal-Kap 16;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement tiddijara li l-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**